VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,358, 15 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 466 tal-2014

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

Regolamenti tal-2014 dwar it-Twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar it-Twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal prodotti agrikoli u agri-alimentari, għal riċetti gastronomiċi u għal preparazzjonijiet magħmula, li jaqaw taħt id-definizzjoni ta' "Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta".

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"applikant"" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali jew kwalunkwe korp pubbliku li għandu interess fil-produzzjoni u, jew fil-promozzjoni ta' prodotti agri-alimentari tradizzjonali ta' Malta

"Bord" tfisser il-Bord tal-Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta kostitwit skont ir-regolament 7;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-agrikoltura;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura;

"persuna" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali;

"prodott approvat" tfisser prodott agri-alimentari tradizzjonali ta' Malta li ġie approvat mill-Bord bħala tali;

"Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta" tfisser dawk il-prodotti li l-ipproċessar, il-preservazzjoni u l-metodi ta' maturazzjoni tagħhom huma kkonsolidati biż-żmien u għandhom użu ppruvat fis-suq Malti għal perijodu li jippermetti t-trasmissjoni bejn

VERŻJONI ELETTRONIKA

il-ġenerazzjonijiet, liema perijodu mhuwiex anqas minn ħamsa u għoxrin sena;

"Registru" tfisser ir-Registru Nazzjonali tal-Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta.

Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta

3. (1) Id-Direttur għandu jżomm reġistru, imsejjaħ ir-Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta, li fih għandu jkun hemm irreġistrata lista ta' prodotti approvati.

(2) L-inklużjoni ta' prodott fil-lista ta' prodotti approvati hawn fuq imsemmija ma tikkostitwiex reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

(3) L-isem ta' kwalunkwe prodott fil-lista ta' prodotti approvati hawn fuq imsemmija jkun mingħajr preġudizzju għall-isem magħżul għall-għan ta' reġistrazzjoni ta' prodott skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

(4) L-inklużjoni ta' isem ta' prodott fil-lista hawn fuq imsemmija tipprekludi kwalunkwe persuna milli tippreżenta applikazzjoni għall-protezzjoni ta' dak l-isem taħt il-liġijiet tal-UE u dawk nazzjonali li jikkonċernaw il-proprjetà intelletwali u industrijali, b'seħħ mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Kontenut tar-Reġistru.

4. Għal kull prodott, ir-Reġistru għandu jinkludi l-isem tal-prodott, il-post tal-oriġini, deskrizzjoni tal-prodott u tal-ipproċessar tiegħu, metodi ta' preservazzjoni u maturazzjoni, il-materjali użati fil-preparazzjoni tal-prodott u l-istorja u t-tradizzjoni tal-prodott.

Pubblikazzjoni tar-Reġistru.

5. Id-Direttur għandu jġiegħel li reġistru rivedut jiġi ppubblikat fil-Gazzetta fuq bażi annwali.

Promozzjoni tar-Reġistru.

6. Id-Direttur għandu jipprova jippromwovi d-diffużjoni tar-Reġistru fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

Il-Bord ta' Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta.

7. (1) Għandu jiġi mwaqqaf, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, Bord, li jkun magħruf bħala il-Bord ta' Prodotti Agri-Alimentari Tradizzjonali ta' Malta, bil-għan li jiġu identifikati prodotti li għandhom jiġu inklużi fir-Reġistru.

(2) Il-Bord jevalwa il-prodott jew prodotti sottomessi għall-inklużjoni fir-Reġistru u jiddeċiedi jekk tali prodotti għandhomx jiġu inklużi fir-Reġistru jew le.

(3) Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord għandu jgħid jekk approva

VERŻJONI ELETTRONIKA

jew ċaħad li l-prodott huwa prodott agro-alimentari tradizzjonali ta' Malta u għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu għad-deċiżjoni.

(4) Il-Bord jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet lill-Ministru fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni tar-Reġistru.

Kompożizzjoni tal-Bord.

8. (1) Il-Bord għandu jkun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) id-Direttur responsabbli għall-agrikoltura li jippresiedi il-Bord *ex officio*, jew rappreżentant tiegħu;

(b) rappreżentant mid-Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

(ċ) rappreżentant tal-Istitut għat-Turiżmu, Ivvjaġġar u Kultura fi ħdan l-Università ta' Malta;

(d) rappreżentant tad-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività; u

(e) membru nominat fid-diskrezzjoni tal-Ministru.

(2) Il-Ministru għandu jinnomina uffiċjal tad-Dipartiment biex jaġixxi bħala Segretarju tal-Bord.

Proċeduri tal-Bord.

9. (1) Id-Direttur jew ir-rappreżentant tiegħu jkun *ex officio* ic-*Chairperson* u jippresjedi l-Bord.

(2) Id-deċiżjoni tal-Bord tkun b'maġġoranza tal-voti. Iċ-*Chairperson* tal-Bord jew ir-rappreżentant tiegħu jkollu vot oriġinali, u fil-każ li jkun hemm qasma ugwali ta' voti, it-tieni vot jew vot deċiżiv.

(3) Il-kworum tal-Bord jikkonsisti fiċ-*Chairperson* u żewġ membri oħra.

(4) Il-Bord jiltaqa' kif meħtieġ f'tali data, ħin u post kif iċ-*Chairperson* jista' jappunta:

Iżda l-Bord jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena.

(5) Il-proċeduri kollha tal-Bord jiġu mniżżla fil-forma ta' minuti mis-segretarju u l-ismijiet tal-membri preżenti f'kull laqgħa jiġu mniżżla fil-minuti.

(6) Il-minuti ta' kull laqgħa jkun fihom dawk l-applikazzjonijiet li jkunu ġew diskussi, imma mingħajr ebda

VERŻJONI ELETTRONIKA

kumment jew osservazzjoni tal-membri. Ir-raġuni tad-deċiżjoni madankollu tiġi mniżżla.

(7) Iċ-*Chairperson* jikkonferma bil-firma tiegħu l-minuti li jirriżultaw mill-affarijiet diskussi fil-laqgħha.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Bord jista' b'mod ieħor jirregola il-proċedura tiegħu stess.

Applikazzjoni għall-inklużjoni fir-Reġistru.

10. (1) Biex jiġu inklużi fir-Reġistru, il-Prodotti Agro-Alimentari Tradizzjonali għandhom jiġu proposti mill-applikant.

(2) Applikazzjoni għall-inklużjoni ta' prodott fir-Reġistru għandha tiġi magħmulha lis-Segretarju tal-Bord fuq il-formola xierqa, li għandha tinġabar mid-Direttorat tal-Agrikolutra.

(3) L-applikazzjoni għandha b'mod ċar tiddikjara:

(a) l-isem tal-prodott;

(b) il-post tal-oriġini;

(ċ) deskrizzjoni tal-prodott u tal-metodi tal-ipproċessar, priservazzjoni u ta' maturazzjoni tiegħhu;

(d) il-materjali użati fil-preparazzjoni tiegħu

(e) deskrizzjoni tal-bini użat għall-produzzjoni, ipproċessar, priservazzjoni u maturazzjoni tal-prodott;

(f) l-istorja u t-tradizzjoni tal-prodott;

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-applikant jikkunsidra neċessarja.

(4) Il-Bord jista' jekk jikkunsidra li huwa neċessarju, jitlob aktar informazzjoni mingħand l-applikant.

Il-Bord jiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet.

11. (1) Is-Segretarju għandu jpoġġi quddiem il-Bord l-applikazzjonijiet kollha għall-inklużjoni ta' prodott fir-Reġistru.

(2) Il-Bord għandu l-ewwel jiddeċiedi jekk l-informazzjoni kollha mitluba fir-regolament 10 ġietx sottomessa:

Iżda jekk il-Bord jiddeċiedi li xi informazzjoni mitluba fir-regolament 10 hija nieqsa, il-Bord ma jikkunsidrax aktar l-applikazzjoni u jibgħat l-applikazzjoni lura lill-applikant waqt li jinfurmah liema informazzjoni hija nieqsa.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Jekk il-Bord ikun sodisfatt li l-informazzjoni mitluba fir-regolament 10 ġiet sottomessa, l-applikazzjoni tiġi ppubblikata fil-Gazzetta u tkun miftuħa għall-konsultazzjoni pubblika għall-perijodu ta' tletin ġurnata mid-data li tiġi ppubblikata fil-Gazzetta.

Wara l-konsultazzjoni pubblika, s-Segretarju jpoġġi l-*feedback* miksub mill-imsemmija konsultazzjoni pubblika quddiem il-Bord.

(4) Il-Bord għandu,wara li jevalwa l-applikazzjoni u l-*feedback* miksub u, jekk ikun neċessarju, wara li jkun talab lill-applikant aktar informazzjoni, jieħu deċiżjoni fuq jekk jinkludiex il-prodott fir-reġistru jew xort' oħra.

(5) Id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-applikant, u tindika r-raġunijiet għaliha:

Iżda d-deċiżjoni tiġi komunikata lill-applikant permezz ta' posta reġistrata, posta elettronika jew mwassla bl-idejn.

Reġistrazzjoni fir-Reġistru.

12. (1) Iċ-*Chairperson*, fuq direzzjoni li jagħmel hekk mill-Bord, idaħħal il-prodott approvat fir-Reġistru.

(2) Ir-reġistrazzjoni għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-prodott;

(b) il-post tal-oriġini;

(ċ) id-deskrizzjoni tal-prodott u tal-metodi tal-ipproċessar, preservazzjoni u ta' maturazzjoni tiegħu;

(d) il-materjali użati fil-preparazzjoni tiegħu;

(e) d-deskrizzjoni tal-bini użat għall-produzzjoni, l-ipproċessar, il-preservazzjoni u l-maturazzjoni tal-prodott; u

(f) l-istorja u t-tradizzjoni tal-prodott.

Id-deċiżjoni tkun finali.

13. Id-deċiżjoni tal-Bord tkun finali.